Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

11.11.2014

DOKUMENT TA’ ĦIDMA

dwar ir-rapport speċjali Nru 12/2014 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (kwittanza 2013) intitolat“Il-FEŻR jiffinanzja effettivament il-proġetti li jippromwovu direttament il-bijodiversità fil-qafas "tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020"?”

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Louis-Joseph Manscour

INTRODUZZJONI

Il-protezzjoni tal-bijodiversità hija waħda mill-prijoritajiet ambjentali ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE), li hija espressa permezz ta' strateġija tal-UE għall-bijodiversità u varjetà ta' politiki u leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam. F'Ġunju 2011, il-Kunsill approva "l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020", ippreżentata mill-Kummissjoni[1]. Huwa ħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jintegraw l-istrateġija fil-pjanijiet, il-programmi u/jew l-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Il-Parlament Ewropew laqa' u appoġġa din l-istrateġija l-ġdida[2].

Skont id-dejta tal-Kummissjoni, matul il-perjodu 2007‑2013, l-Istati Membri allokaw EUR 2,8 biljun għall-promozzjoni diretta tal-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura, inkluża NATURA 2000, taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). Dan l-ammont jirrappreżenta 0.8 % tal-allokazzjoni ta' dan il-fond.

Konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri

Il-Qorti kkonkludiet li l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli taħt il-FEŻR ma ġewx utilizzati fil-potenzjal sħiħ tagħhom mill-Istati Membri. Dawn mhux dejjem jikkunsidraw il-FEŻR bħala strument xieraq biex jippromwovi l-bijodiversità. Il-potenzjal tiegħu bħala sors ta' finanzjament mhuwiex magħruf jew rikonoxxut biżżejjed fost is-sorsi ta' finanzjament integrati għall-bijodiversità.

Il-proġetti awditjati mill-Qorti tal-Awdituri kienu konsistenti mal-prijoritajiet nazzjonali u ma' dawk tal-UE għall-bijodiversità. Huma ntgħażlu mill-awtoritajiet nazzjonali fuq il-bażi tal-prijoritajiet tal-programmi operattivi kkonċernati. Bħalma xi proġetti tal-FEŻR jista' jkollhom l-appoġġ għall-bijodiversità bħala objettiv sekondarju aktar milli objettiv primarju, hekk ukoll kważi nofs il-proġetti awditjati kellhom objettivi sekondarji relatati ma' kwistjonijiet oħra, bħall-azzjonijiet kontra l-għargħar, ir-rikreazzjoni, u limitazzjoni tal-aċċess għall-viżitaturi.

Terz tal-proġetti awditjati jinkludu l-preparazzjoni ta' proġetti ta' investiment u ta' attivitajiet futuri biex jippromwovu l-bijodiversità. Dan ifisser li r-riżultati tanġibbli mhux se jkunu immedjati. Miżuri konkreti ta' protezzjoni ġew implimentati f'żewġ terzi tal-proġetti awditjati. Madankollu, la indikaturi tar-riżultati u lanqas sistemi ta' monitoraġġ ma ġew stabbiliti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiġi vvalutat l-iżvilupp ta' ħabitats u tal-ispeċijiet.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA

Skont il-Qorti, il-Kummissjoni għandha:

- tgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu l-prijoritajiet għar-restawr tal-bijodiversità fil-programmi operattivi kif ukoll jippromwovu l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet definiti mill-Istati Membri fil-programmi operattivi tal-fond reġjonali u l-proġetti ffinanzjati minn fondi oħra tal-UE;

[1] L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna:- strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020" COM(2011) 244, finali, 3 ta' Mejju 2011

[2] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' April 2012 dwar l-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna - strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020

- tgħin lill-Istati Membri jassiguraw il-monitoraġġ tal-proġetti preparatorji sabiex jiżviluppaw politika ta' protezzjoni attiva;
- teħtieġ provvediment fil-programmi operattivi għal proċeduri għall-evalwazzjoni tal-bidliet ambjentali fil-ħabitats u fl-ispeċijiet wara l-interventi;

Il-Qorti tirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jassiguraw il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-programmi operattivi.

Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet.

Kummenti u rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur li possibilment jiġu inklużi fir-rapport dwar il-kwittanza tal-Kummissjoni għall-2013

Il-Parlament Ewropew,

- ifakkar li l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) tiddefinixxi l-bijodiversità bħala l-varjabbiltà fost organiżmi ħajjin mis-sorsi kollha, inklużi fost oħrajn, ekosistemi terrestri, tal-baħar u ekosistemi akkwatiċi oħra u l-kumplessi ekoloġiċi li minnhom jagħmlu parti. Is-CBD tirrikonoxxi bosta theddidiet importanti għall-bijodiversità bħat-telf u l-frammentazzjoni tal-ħabitat, l-użu eċċessiv tal-foresti, l-oċeani, ix-xmajjar, il-lagi u l-ħamrija, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima, u l-ispeċijiet barranin li jikkompetu mal-flora u l-fawna indiġeni;
- jenfasizza li l-bijodiversità hija essenzjali għall-ħajja umana u għall-benesseri tas-soċjetàjiet. Il-bidla fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-theddid li sar mill-ispeċi invażivi, il-konsum eċċessiv tar-riżorsi naturali huma sfidi maġġuri li jaffettwaw kull ċittadin tal-UE;
- jiddispjaċih li l-UE ma setgħetx tilħaq l-għan ewlieni tagħha li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità fl-UE sal-2010;
- jinnota li t-telf tal-bijodiversità għandu spejjeż ekonomiċi devastanti għas-soċjetà li s'issa għadhom ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed fil-politika globali. L-istudju dwar l-ekonomija tal-ekosistemi u tal-bijodiversità stima li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni u tad-degradazzjoni tas-servizzi ekoloġiċi tirrappreżenta sa 7 % tal-PDG globali kull sena fl-2050[1];
- jinsab konvint li għaldaqstant hemm ħtieġa urġenti għal azzjoni u li tingħata importanza politika akbar lill-bijodiversità sabiex jiġu sodisfatti l-impenji fl-2020 dwar is-suġġett;
- jinnota li r-riżultati tal-proġetti ta' spiss idumu biex joħorġu, li jagħmilha diffiċli biex jiġu evalwati r-riżultati tagħhom;
- jikkunsidra li, minkejja l-limitazzjonijiet assoċjati mal-fondi ta' direzzjoni baxxa lejn il-bijodiversità u mad-diffikultajiet tal-evalwazzjoni tal-użu ta' dawn il-fondi, huwa essenzjali li jinżammu f'dan l-istadju;

1 Leon Braat, Patrick ten Brink (eds. el al.), The Cost of Policy Inaction, The case of not meeting the 2010 biodiversity target, Wageningen/Brussels, 2008, p. 28

- jenfasizza li l-protezzjoni tal-bijodiversità mhijiex biss għan ambjentali nobbli, iżda li din il-politika toffri wkoll potenzjal sinifikanti li jinħolqu ħiliet ġodda, impjiegi u opportunitajiet kummerċjali;
- jenfasizza l-importanza tal-ġeneralizzazzjoni tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-politiki l-oħra kollha Ewropej (inklużi l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-iżvilupp reġjonali, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, it-turiżmu, il-kooperazzjoni u l-għajnuna għall-iżvilupp, ir-riċerka u żvilupp...) sabiex il-politiki settorjali u fiskali Ewropej ikunu aktar koerenti u biex ikun żgurat li l-UE tilħaq l-impenji vinkolanti tagħha dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità; f'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej għandha tissaħħaħ;
- jinnota li minkejja l-gwida u t-tmexxija pprovduti mill-Kummissjoni, huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu prijoritajiet ta' finanzjament ibbażati fuq il-bżonnijiet tagħhom stess u li l-maġġoranza kbira tal-Istati Membri ma tużax l-istrument FEŻR għall-protezzjoni tal-bijodiversità;
- iqis, għalhekk, minħabba l-użu baxx tagħhom (0.79 %), li jeħtieġ li jiġi kkunsidrat mandat għall-allokazzjoni ta' parti mill-fondi tal-FEŻR, li l-persentaġġ tagħha għad irid ikun determinat, għall-promozzjoni tal-bijodiversità.